**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 23 ta' Novembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jean Paul Attard)**

**Vs**

**Jacqueline Deguara**

**Kump Nu: 57/2022**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Jacqueline Deguara, detentur tal-karta tal-identitá 203670M, imwielda Sliema nhar l-10/05/1970, fejn giet akkuzata talli bejn l-għoxrin (20) ta' Settembru 2021 u s-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2021 f'ħinijiet diversi ġewwa 81, Ondielle, Triq Alessju Xuereb, San Ġwann u/jew fil-viċinanzi;

Ikkommettejt serq ta’ flus kontanti għad-detriment ta’ Maria Fenech u/jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur liema valur jaċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu  (€2,329.37), u bil-persuna u bil-lok; Art. 261(ċ)(d)(e), 267, 268(a), 269(g), 279(b), 280(1), 281(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba toħroġ Ordni ta’ Protezzjoni kontra l-akkużata sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta’ Maria Fenech, jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta’ protezzjoni tal-persuna leża jew ta’ individwi oħra minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biża’ ta’ vjolenza, u dan ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali ta’ l-14 ta’ Novembru 2022 (ara *folio* 44) u l-kunsens ta` l-imputata tallum stess (ara folio 45);

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f’dawn il-proceduri;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata fl-udjenza ta` llum stess u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kienet inghatat iz-zmien skond il-Ligi sabiex tirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputata iddikjarat li kellha bizzejjed zmien biex terga tirrikonsidra u li fehmet sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u li fehmet wkoll li l-ammissjoni taghha, kif fehmitha din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fis-sanzjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar is-sanzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni taghha.

Illi in tema ta' sanzjoni, din il-Qorti qed tqis, fuq kollox, l-ammisjoni tal-imputata u dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess, cioe' li l-partijiet kollha jaqblu u jiddikjaraw li fil-mori ta din il-kawza, propju fl-istadju ta' l-investigazzjoni, l-parte civile, irceviet kumpens a saldu ta kull pretenzjoni minn ghand l-imputata, naxxenti minn dan il-kaz.

**KONKLUZJONI.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 15A, 261(c)(d)(e), 267, 268(a), 279(b), 280(1) u 281(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputata **Jacqueline Deguara** hatja, fuq ammissjoni taghha stess, ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra taghha u tikkundannaha komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` sena izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` sentejn (2) millum, il-hatja tikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil **Jacqueline Deguara** fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet taghha

taht l-Artikolu 28B jekk hija tikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

**Ordni skond l-Artikoli 382A u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament taghha kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' **Maria Fenech** u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuna msemmija, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qeghda bil-prezenti u f'termini generali taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hatja **Jacqueline Deguara** billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess **Jacqueline Deguara** milli tavvicina jew b'xi mod issegwi l-movimenti tal-persuna msemmija, u billi tipprojbixxi lil **Jacqueline Deguara** milli tikkuntattja jew timmolesta lill-persuna msemmija,

U dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu massimu dispost mill-Ligi li jibda jiddekorri mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Il-Qorti fissret lill-hatja l-konsegwenzi jekk hi tikser din l-Ordni mposta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur